MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 390/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**Vs**
**Joseph Vassallo**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 160081(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Josies Estates Ltd., u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (5) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu mill-31 ta' Novembru 2008 sat-30 ta' Novembru 2009 u dan bi ksur

tal-artikolu 27, artikolu 66 u artikolu 76(c) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 27, 66 u 76(c) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tmien mitt Euro (€800.00).
Il-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998 ordnat lill-imputat sabiex fi zmien tlett xhur jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hmistax il-Euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

2. Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqu dik ta' multa u multa addizjonali f'kaz ta' inadempjenza u minflok ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

3. Fliet l-atti kollha processwali u rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

4. Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

(a) Illi l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni huma monki u f'hafna aspetti u ma jissodisfawx ir-rikjesti ta' prova fil-Qorti Kriminali. Ukoll f'din is-sentenza jigifieri ta' Joseph Vassallo li jigi t-tifel ta' Joseph Mary Vassallo li ukoll huwa akkuza, fis-sentenz atal-Qorti Joseph Vassallo gie indikat li ghandu n-numru tal-karta ta' identita` jaqra 171549(M) li dan in-numru tal-karta ta' identita` huwa tal-missier u ghalhekk l-esponenti qatt ma jista` jigi kkundannat li jhallas ebda multa minhabba din il-mankanza.

(b) Il-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova dwar l-allegat ammont dovut li l-esponenti ghandu jhallas jew il-bilanc dovut u din il-mankanza ta' prova essenzjali tippregudika

bil-kbir id-drittijiet tal-esponenti minhabba l-fatt li tinnega lill-esponenti jikkonfermax jew jikkontesta dan l-ammont hekk allegatament dovut. Dan ifisser illi l-esponenti ma jafx kemm ghandu jhallas jaf biss li gie kkundannat li ghandu jhallas xi ammont li taghti lok ta' abbuz billi l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jista' jimponi kwalunkwe somma li jahseb hu li huwa gust minghajr ma jhalli lill-esponenti l-oppontunita` li jikkontesta dan l-ammont f'din il-Qorti, jew, jekk jikkontesta dan l-ammont f'xi forum iehor tibqa` tghodd il-multa ta' kuljum u propju l-Ligi tipprojbixxi din il-possibilita` ta' abbuz. L-esponenti ghandu dritt jkun jaf ezatt ta'xhix qieghed jigi akkuzat. Illi f'dan il-kaz jirrizulta illi l-esponenti dahhal il-Vat return pero` baqa` bilanc, liema bilanc ma giex stabbilit f'din il-kawza. Ghalhekk il-provi mressqa f'din il-Qorti huma neqsin mill-ahjar prova, liema prova l-prosekuzzjoni jekk ikun jaf b'din il-prova huwa obbligat li jressaq din il-prova w liema prova ma gietx imressqa. Illi ukoll għandu jkun hemm "equality of arms" fis-sena li ghandu jgi stabbilit l-ammont dovut sabiex l-esponenti jkun jaf x'ghandu jhallas u mhux tkun fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju fuq il-Valur Mizjud mingħajr ebda dritt ta' kontestazzjoni.

(ċ) Illi s-sentenza hija nieqsa minn kull motivazzjoni minħabba l-fatt li l-esponenti ssottometta dan il-punt legali u din il-Qorti ma dahlitx fil-mertu tieghu fis-sentenza taghha. L-unika haga li din il-Qorti qalet fis-sentenza taghha illi "ghal dawn il-motivi ..... tikkundanna" minghajr ma ssemmi x'inhuma l-motivi l-ghaliex cahdet is-sottomissjoni legali daqshekk importanti sollevat fit-tieni aggravju.

5. Fliet l-atti kollha proċesswali.

6. Semgħet iż-żewġ trattazzjonijiet magħmula mill-abbli Prosekutur u mill-abbli Difensur.

7. Rat ukoll in-Noti tal-osservazzjonijiet ippreżentati minnhom kif ukoll l-Avviż Legali Numru 112 tas-sena 2012 li għalih saret referenza mill-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Aggravju**

8. Dan l-aggravju huwa dwar in-numru tal-karta tal-identita’ ta’ dan l-appellant. Fiċ-ċitazzjoni dan hwua indikat bħala 160081 (M) u fis-sentenza l-Qorti tal-Maġistrati indikatu bħala 160081 (M). Il-Qorti għalhekk ma qed tara ebda bażi għal dan l-aggravju u konsegwentement qed tiċħad l-ewwel aggravju.

**It-Tieni Aggravju**

10. Li l-ewwel aggravju huwa dwar apprezzament tal-provi b’mod partikolari dwar x’bilanċ għandu jagħti l-appellant fuq il-VAT return li huwa ssottometta.

11. Li din il-Qorti reġgħet semgħet ix-xhieda mill-ġdid u dawn kienu s-segwenti:

(a) Is-sinjura Connie Azzopardi, rappreżentanta tal-VAT li qalet li l-appellant kien ippreżenta d-denunzja iżda l-pagament ma kienx sħiħ. Meta jidħlu denunzji bla pagamenti jitqiesu daqs li kieku ma daħlux fid-dipartiment. L-ammont dovut huwa madwar €34,000 u dan l-ammont kien dovut sal-jum qabel ma xehdet. Ix-xhud kienet infurmata li l-appellant ipprova jibbenefika mill-iskema li hemm bħal issa. Allura ċerti pagamenti daħħluhom fuq denunzji li huma aktar reċenti biex ikunu jistgħu jibbenefikaw iżda ma daħlux fuq dawn id-denunzji partikolari.

(b) Is-sur Chris Abela, desk Officer fir-Registrar of Companies, l-MFSA li indika minn kienu d-diretturi tas-soċjeta’ Josie’s Estates Limited bejn it-30 ta’ Novembru 2008 u t-30 ta’ Novembru 2009. Fost dawn hemm Joseph Vassallo (ID 171549(M)) u Joseph J. Vassallo (ID 160081(M)).

12. L-ewwelnett l-appellant sostna li huwa ma kienx jaf kemm kien il-bilanċ li għandi jagħti. Effettivament dan wieħed jista’ jkunu jafu mill-kalkoli meta jimla l-VAT return

u għalhekk jekk kienet ippreżentata l-VAT return bi ħlas anqas minn dak li kkalkula l-appellant stess, allura loġikament l-ammon mibgħut lid-Dipartiment tal-VAT kien anqas milli suppost bagħat.

13. Iżda barra minn hekk telgħet ir-rappreżentant tal-VAT u semmiet is-somma ta' €34,000 bħala bilanċ fuq il-perjodu 31 ta' Novembru 2008 sat-30 ta' Novembru 2009 u dan kien skont kif rat ir-records hi lejliet li xehdet. Filfatt ix-xhud spjegat ukoll li l-appellant seta' għamel xi pagamenti oħrajn iżda dawn kienu għal perjodi ta' taxxa differenti minn dak il-perjodu indikat fiċ-ċitazzjoni u allura ma jistgħux jingħaddu mas-somma mibgħuta mill-appellant għall-perjodu in kwistjoni.

14. L-appellant jissottometti wkoll li ma kienx hemm 'equality of arms' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati minħabba li fiċ-ċitazzjoni ma kienx hemm indikat l-ammont tal-bilanċ dovut. Dwar dan l-appellant m'għandux raġun. L-equality of arms hija nozzjoni proċedurali li biha l-Prosekuzzjoni u d-Difiża jkollhom l-istess ċans li jressqu l-provi tagħhom u jagħmlu l-eżamijiet u l-kontro-eżamijiet tax-xhieda. Għalhekk il-prinċipju msemmi ma japplikax għal meta ċ-ċitazzjoni ma tindikax xi bilanċ dovut. L-appellant kellu kwalunkwe ċans biex iressaq il-provi tiegħu u biex isaqsi lill-Prosekuzzjoni kemm kien il-bilanċ dovut jekk hu ma kienx jaf. La kellu dan iċ-ċans ma jistax wieħed jilmenta dwar nuqqas ta' equality of arms.

15. Fuq kollox huwa magħruf li ċ-ċitazzjoni hija biss 'avviso a comparire' u li biżżejjed ikun fiha dettalji bażiċi biex wieħed ikun jaf fuqhiex għandu jirrispondi. Il-Qrati Maltin dejjem imxew ma' dan il-prinċipju kull meta tqajjem xi aggravju dwar il-kontenut taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

16.L-appellant sostna wkoll li l-Avviż Legali 112 tas-sena 2012 biddel is-sitwazzjoni għaliex ta deadlines ġodda għall-ħlas. Is-sentenza ngħatat fid-29 ta' Settembru 2011 waqt li l-Avviż Legali ħareġ wara kif tindika d-data tiegħu. Fuq dan il-punt inħalea l-aktar ħin u d-diża saħansitra saħqet fuq konflitt għaliex, skont hi, l-istess Dipartiment

Tal-VAT qed jinsisti fuq is-sentenza li ngħatat fil-konfront tal-appellant u fl-istess ħin bagħtitlu ittra biex ittih ċans jikkonforma ruħu.
17. Fil-fehma tal-Qorti m'hemm ebda konflitt. L-Avviż Legali 112 tas-sena 2012 huwa intiż beix itaffi l-ammont ta' interessi u penalitajiet amministrattivi dovuti. Biżżejjed wieħed iħres lejn it-titolu tal-Avviż Legali u lejn it-titolu ta' Annex A. Dan tal-aħħar jgħid hekk:

'Conditions and Procedures for the Remittance and Procdures for the Remittance of Interests and Administrative Penalties incurred under the Acts.'

18. Dan l-Avviż Legali mkien ma jsemmi li ser jitbaxxew il-bilanċi dovuti bħala taxxa tal-VAT, jiġifieri dik li kienet dovuta wara li wieħed iqis x'taxxa kien ħallas u x'taxxa kien ġabar. Dik baqgħet bla mittiefsa.

19. Lanqas ma jirriżulta minn dan l-Avviż Legali li l-Leġislatur ħassar xi dispożizzjoni ta' natura kriminali mill-Kap 406 jew li ta xi forma ta' amnistija fuq xi sentenzi li ngħataw.

20. L-appellant jirreferi speċifikament għall-paragrafu 4(b) ta' Annex A li jgħid hekk:

'(b) all tax returns which were not submitted and which were due by the 15th October 2100 are furnished by not later than the 15th April, 2012.'

Jgħid ukoll li dan iż-żmien kien estiż u li pagament kellu jsir sal-31 ta' Mejju 2012 u li wara din id-data kienet estiża.

21. Bir-rispett kollu, bħalma wieġbet tant tajjeb il-Prosekuzzjoni fin-nota responsiva tagħha, dan kollu m'għandu x'jaqsam xejn mas-sottomissjonijiet orali li saru mid-difiża u lanqas ma jbiddel is-sitwazzjoni legali tas-sentenza li ngħatat f'dawn il-proċeduri.

22. Il-Qorti qed tikkonkludi li m'hemm ebda bażi għall-ewwel aggravju tal-appellant u qegħda tiċħdu.

**It-Tielet Aggravju**

23. L-appellant jissottometti li s-sentenza hija nieqsa mill-motivazzjoni. Bir-rispett kollu, dan mhux eżatt. Infatti l-Qorti tal-Maġistrati għamlet din ir-rimarka:

'Illi mill-provi prodotti jirriżulta li d-denunzji in kwistjoni ġew ppreżentati bi ħlas parzjali tat-taxxa dovuta.'

24. Iżda barra dan l-artikolu 382 tal-Kap 9 ma jqisx il-motivazzjoni bħala element essenzjali tas-sentenza. Il-Qrati tagħna dejjem qalu li sentenza tibqa' validu għalkemm mhix motivata.

25. Il-Qorti għalhekk qed tiċħad dan it-tieni aggravju wkoll.

**Konklużjoni**

**26. Il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant u għaldaqstant qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru, 2011 fl-intier tagħha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------